VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 15 tal-2013

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

Regoli tal-2013 li Jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni bi qbil mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2013 li Jemensaw it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tieni Skeda".

Kap. 368.

(2) Ir-regola 2 għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2013.

(3) Ir-regola 3(1) għandha titqies li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Novembru, 2012.

Jemenda t-Tieni Skeda.

2. Il-Kategorija A tat-Tieni Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-tieni kolonna fit-tabella taħt l-intestatura "B'magna petrol" għandu jidħol dan li ġej:

"

Standard Euro l-aktar reċenti
CO_2 x RV x 0.07%
CO_2 x RV x 0.09%
CO_2 x RV x 0.10%
CO_2 x RV x 0.11%
CO_2 x RV x 0.16%
CO_2 x RV x 0.18%
CO_2 x RV x 0.21%
CO_2 x RV x 0.23%

";

(b) minflok it-tieni kolonna fit-tabella taħt l-intestatura "B'magna *diesel* b'materja partikolata ta' 0g/km sa u kompriżi

0.005g/km" għandu jidħol dan li ġej:

" *Standard* Euro l-aktar reċenti
CO_2 x RV x 0.07%
CO_2 x RV x 0.09%
CO_2 x RV x 0.10%
CO_2 x RV x 0.11%
CO_2 x RV x 0.16%
CO_2 x RV x 0.18%
CO_2 x RV x 0.21%
CO_2 x RV x 0.23%

"; u

(ċ) fit-tabella li turi l-i*standards* Euro fir-rigward ta' vetturi M1, minflok il-kliem "Euro 5" fl-aħħar kolonna għandhom jidħlu l-kliem "Euro 5 u Euro 6", u minflok il-kliem "mill-2011" għandhom jidħlu l-kliem "2011 'il quddiem".

Vetturi reġistrati qabel l-1 ta' Ġunju, 2013.

3. (1) Ir-rati tat-taxxa tar-reġistrazzjoni li għandhom jintalbu għar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur li għalihom tirriferi r-regola 2 ikunu dawk murija fl-imsemmija regola 2.

(2) B'seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regoli, il-ħlas tad-differenza fit-taxxa tar-reġistrazzjoni kif stabbilita fir-regola 2 u t-taxxa fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tar-regola 2, għandu jiġi differit għall-1 ta' Ġunju, 2013, u r-reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur, li għalihom issir riferenza fis-subregola (1), tista', soġġett għall-ħlas tar-rati kif hemm provdut fir-regola 2, issir minkejja li d-differenza fir-rati msemmija ma titħallasx mar-reġistrazzjoni tal-vettura. Meta tidħol fis-seħħ ir-regola 2 l-imsemmija differenza li ma tkunx ġiet mħallsa għandha tiġi meqjusa bħala maħfura.

(3) Meta r-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur ġodda li għalihom tirriferi r-regola 2 tkun saret wara d-29 ta' Novembru, 2012, u tkun tħallset it-taxxa tar-reġistrazzjoni kif stabbilita fit-Tieni Skeda, allura mbagħad fl-1 ta' Ġunju, 2013, f'każ li dawn ir-regoli ma jkunux ġew revokati qabel dik id-data, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha trodd lura lill-persuna li tkun ħallset dik it-taxxa l-ħlas żejjed li jkun sar fuq ir-rati tat-taxxa stabbiliti fir-regola 2.